MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 101/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Joseph Vancell**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm235.37) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21375054 u 21381915 (CN1011003), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali 142, Villa Lwien, Triq Patri Indri Vella, Pembroke skond diversi kontijiet mibghuta lilu skond kif jirriuzlta minn prospett anness ma'l-avviz immarkat bhala Dokument A u kuntratt relattiv immarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-Gimgha 23 ta' April 2004, minn fejn jirrizulta illi s-socjeta attrici cediet is-sorte tal-kawza, stante il-hlas da parti tal-konvenut, izda zammet ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' April 2004, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza, flimkien ma'l-imghaxijiet legali fuq l-ammont mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------